**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru 2024

Kawża Nru 164/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

Vs

**Joseph Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Joseph Cauchi**, iben John Mary Cauchi u Marija Assunta nee Bajada, imwieled ir-Rabat, Għawdex fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 1971 u residenti fil-fond "Kenn Pawlin", Triq il-Munxar, Munxar, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 3971(G) talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu 2023 għall-ħabta tal-

ħamsa neqsin kwart ta' filgħaxija (16:45hrs) fi Triq id-Dawwara, Rabat, Għawdex:

(1) saq vettura tal-għamla Toyota Vitz, bin-numru tar-reġistrazzjoni BBX 727 b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont;[1]

(2) b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna offiża (ġrieħi) gravi fuq il-persuna ta' Mario Xiberras, kif iċċertifika Dr.Joseph Vella MD tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali (u cioe' li ġabet il-konsegwenzi msemmija taħt l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali);[2]

(3) b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna offiża (ġrieħi) ħfief fuq il-persuna ta' Dolores Sciberras detentriċi tal-karta tal-identita numru 47346(G), kif iċċertifika Dr.Paul Zammit med reg no: 3242;[3]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tissospendi l-liċenzja tas-sewqan tal-akkużat għal żmien li jidhrilha li huwa xieraq.

[1] Artikolu 15(1) tal-Kap. 65.
[2] Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9.
[3] Artikolu 226(1)(c) tal-Kap. 9.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta’ Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta’ Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat li fis-seduta tad-disgħa (9) ta’ April 2024, il-Prosekuzzjoni, il-parte civile u d-difiża eżentaw lill-Qorti kif preseduta milli terġa’ tisma’ l-provi u milli jerġgħu jiġu sottomessi d-dokumenti prodotti sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura inkluż wkoll ix-xhieda li iddeponew quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li iddeponew quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti f’dan il-każ huma s-segwenti: nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Marzu 2023 il-Pulizija fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex ġew infurmati li kien seħħ incident stradali fit-triq ta’ wara l-Oratorju tar-Rabat, Għawdex. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn sabu tim mediku qed jassisti żewġ anzjani li imbagħad ittieħdu l-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex għall-aktar kura. Il-Pulizija innutat wkoll vettura bin-numru tar-

reġistrazzjoni BBX 727 li kienet wieqfa. Ix-xufier tagħha ġie identifikat bħala l-akkużat Joseph Cauchi. Cauchi stqarr mal-Pulizija li huwa kien ħiereġ mit-triq ta' wara l-Oratorju u kien hemm vann ipparkjat double parking faċċata. X'ħin ħareġ kien hemm żewġ persuni li qasmu t-triq. X'ħin rahom ma' wiċċu, għafas il-break u laqathom it-tnejn li huma.

Aktar tard il-Pulizija kellmu wkoll lill-vittmi Mario u Dolores konjuġi Sciberras. Dawn stqarrew li huma kienu ħerġin mill-isqaq li jagħti għal San Ġorġ. Huma ħarsu 'l fuq u 'l isfel biex jaqsmu għan-naħa ta' wara l-Oratorju. F'daqqa minnhom ġiet karozza mit-triq ta' wara l-Oratorju u tajjarhom f'nofs it-triq. Mario Sciberras ġie ċertifikat minn Dr Joseph Vella li kien qed isoffri minn ġrieħi gravi filwaqt li Dolores Sciberras ġiet ċertifikata minn Dr Paul Zammit li kienet qed issoffri minn ġrieħi ta' natura ħafifa.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel Akkuża – Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65</u>**

Fl-ewwel akkuża, il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-akkużat fil-ġurnata u l-ħin indikati saq il-vettura tiegħu tal-marka Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni BBX 727 b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont. L-artikolu 15(1)(a) jikkontempla tlett (3) tipi ta' sewqan li kollha kemm huma jattiraw sanzjonijiet penali; pero ma jistgħux jitpoġġew fl-istess keffa u waħda tista' tgħid li hija aktar gravi mill-oħra. Ta' importanza

hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[4] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali spjegat b'mod ċar id-distinzjoni bejn dawn it-tlett (3) tipi ta' sewqan. Il-Qorti qalet li:

> *"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat.*
>
> ***Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.*

[4] Deċiża fis-6 ta' Mejju 1997 u Riportata f'Volum LXXXI.iv.57.

***Sewqan perikoluż*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain****, Appell Kriminali, 21/5/96)."*

Il-klassifikazzjoni ta' sewqan bħala negliġenti/traskurat, bla kont jew perikoluż hija kwistjoni purament ta' *"degree"*. Infatti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Gellel** intqal:

*"... kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluż hi kwestjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul vs Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol vs Wilson*** *(Vol.*

*XXXIX.iv.1018) u **Pul. Vs Alfred Vella** (Vol. XLIV, p 933)) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' tagħhom (App. Krim. **Pul vs Hardingham**, 19.10.1963).*

*Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. **Pul vs Charles Farrugia** (Vol. XXXIX.iv.978)). 'Recklessness' ġiet definita bħala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. **Pul vs Joseph Aquilina**, 20.4.1963). Invece sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul vs Antonio Spiteri** (Vol. XLIV.iv.892)).*"[5]

Mill-provi li inġabru jidher li d-dinamika tal-inċident seħħet bis-segwenti modalita. Il-parte civile kien ħerġin bil-mixi minn Triq San Ġwann, Victoria. Riedu jaqsmu Triq Dawwara biex jidħlu għal Triq San Ġwann Bosco / Triq Dun Pawl Micallef.[6] L-akkużat kien se joħroġ minn Triq san Ġwann Bosco / Triq Dun Pawl Micallef u kellu l-intenzjoni li jikser fuq il-lemin tiegħu biex imur lejn Pjazza Sant' Wistin. Il-parte civile kienu ġia bdew jaqsmu t-triq u kienu kważi waslu biex jidħlu fi Triq San ĠWann Bosco / Triq Dun Pawl Micallef (it-triq ta' wara l-Oratorju) x'ħin seħħ l-inċident. Dan ħareġ mix-xhieda kemm ta' Mario Xiberras u anke ta'

[5] Deċiża fid-19 ta' Frar 2004.
[6] Din hija l-istess triq li jirreferu għaliha l-partijiet: iżda nofsha jisimha Triq San Ġwann Bosco (din tiġi dik il-parti l-eqreb lejn Triq Dawwara) u l-kumplament hija Triq Dun Pawl Micallef.

Dolores Xiberras. Dolores Xiberras tispjega li d-daqqa huma laqtuha fejn l-istop sign ta' Triq Dun Pawl Micallef / Triq San Ġwann Bosco.[7]

Dan jikkonfermah ħadd ħlief l-akkużat inniffsu x'ħin ħa l-pedana tax-xhieda:

> *"Dr Joshua Grech: Issa ara ngħdix sew illi l-inċident ġara fuq in-naħa tat-triq minn fejn kont ħiereġ inti ?*
>
> *Xhud: Eħe.*
>
> *Dr Joshua Grech: Jiġifieri iktar minn nofs it-triq 'il hemm.*
>
> *Ix-xhud: Imma kienu diġa qasmu huma –*
>
> *Dr Joshua Grech: Kienu diġa qasmu, it-triq kienu qasmuha,*
>
> *Ix-xhud: mhux kollha imma.*
>
> *Dr Joshua Grech: Mhux kolla. Imma kienu aktar viċin tiegħek milli viċin tal-isqaq.*

[7] Fol. 36 tal-proċess.

*Xhud: Eħe."*[8]

Minn sempliċi tiftixa minn fuq google maps, wieħed jista' jara l-konfigurazzjoni tat-toroq fejn seħħ l-inċident. Ir-ritratt ta' hawn isfel juri l-akkwati li kemm il-parte civile kif wkoll l-akkużat għamlu riferenza għalihom fix-xhieda tagħhom. Dan ir-ritratt juri l-viżwali li jkollu sewwieq hekk kif ikun ħiereġ minn Triq San Ġwann Bosco / Triq Dun Pawl Micallef:

[8] Fol. 79 – 80 tal-proċess.

28/10/2024, 22:37 3 Triq San Gwann Bosco - Google Maps

3 Triq San Gwann Bosco




https://www.google.com/maps/@36.0431852,14.237091,3a,75y,68.24h,92.47t/data=!3m7!1e1!3m5!1sn7MlpNr7hqveFt-VxtmWGQ!2e0!6shttps:%2F%2Fstreet… 1/1

Triq San Ġwann Bosco / Triq Dun Pawl Micallef u ċioe t-triq minn fejn kien ħiereġ l-akkużat bil-vettura tiegħu tiġi eżattament faċċata ta' Triq

San Ġwann, li huwa l-isqaq minn fejn oriġinarjament ħarġu bil-mixi il-konjuġi Sciberras. Dan l-isqaq jidher fil-fond tar-ritratt ta' hawn fuq. Sciberras stqarrew kif huma qasmu wara li iċċekkjaw li ma kinux ġejjin vetturi sia min-naħa tal-lemin tagħhom (cioe minn Triq Dawwara) u sia min-naħa tax-xellug tagħhom (Triq Pjazzetta fuq it-Tomba) u lanqas vetturi mill-faċċata. Kif ġia ingħad l-akkużat stqarr li l-inċident seħħ aktar qrib Triq Dun Pawl Micallef / Triq San Ġwann Bosco milli Triq San Ġwann. Dan kollu għalhekk jindika li Cauchi kellu jkollu viżwali tajjeb ta' Sciberras huma u jaqsmu. Sciberras ma ġewx minn xi *blind corner* b'mod li ikkreaw emerġenza subitanea lill-akkużat u dan sab ruħu f'sitwazzjoni fejn ma setax jevitahom. Il-fatt li Cauchi ma rax dak li kien *in plain view* tiegħu jwassal biss għall-konklużjoni li huwa ma kienx qiegħed iżomm *a proper look out* fis-sewqan tiegħu. Li kieku kien qed iżżomm *a proper look out* ma kellux raġuni għalfejn ma jarahomx u b'hekk jevita s-sinistru stradali.

Anke li kieku kif sostna l-akkużat *a tempo vergine* kien hemm vann ipparkjat *double parking* faċċata ta' minn fejn kien ħiereġ hu, dan xorta ma kienx sejjer jaffettwa l-viżwali tiegħu għar-raġuni li l-inċident ma seħħx qrib Triq San Ġwann iżda qrib Triq San Ġwann Bosco / Triq Dun Pawl Micallef minn fejn kien ħiereġ hu. Il-parte civile kienu ġia ħarġu u imxew biċċa sew minn Triq San Ġwann sakemm waslu għall-punt fejn seħħ l-inċident. Tenut kont wkoll li l-parte civile huma t-tnejn anzjani żgur wkoll li ma kinux qegħdin jiġru biex jaqsmu t-triq.

Il-fatt li l-akkużat ma kienx qed iżomm *a proper look out* jammonta fil-fehma ta' din il-Qorti bħala sewqan traskurat. Din il-Qorti ma tqisx pero li fiċ-ċirkostanzi tal-każ jeżistu l-estremi sabiex is-sewqan tal-akkużat jiġi klassifikat bħala sewqan bla kont jew sewqan perikoluż. Il-provi la jindikaw li l-akkużat kien qed isuq b'mod li kien qed jiġi jaqa' u jqum min-nies li seta' kien hemm fit-triq u lanqas ma jindikaw li l-istess akkużat ħa riskji li ma kellux jieħu. Huwa sempliċiment ma kienx moħħu hemm fis-sewqan tiegħu, liema nuqqas ta' attenzjoni wassal sabiex ġie kawżat dan is-sinistru stradali. Għalhekk din l-ewwel akkuża tirriżulta biss in kwantu l-akkużat kien qed isuq b'mod traskurat.

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9 u t-Tielet Akkuża – Artikolu 226(1)(c) tal-Kap. 9</u>**

Biex jirriżultaw dawn iż-żewġ akkużi li qegħdin jiġu addebitati lill-akkużat huwa fundamentali li tiġi pruvata kondotta negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, u ordnijiet simili. Din trid tkun segwita b'ness ta' kawżalita' mal-akkadut dannuż involontarju. Fi kliem **Antolisei**, irid ikun hemm, *"quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o neglgente e l'evento."*[9]

[9] Antolisei F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* 14th Edizione (2002), Dott. A. Giuffre Editore (Milano), p 73. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Friggieri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)

Fid-dawl tas-suespost huwa ċar li l-inċident seħħ riżultat tat-traskuraġni tal-akkużat għaliex ma kienx qed iżomm *a proper look out* fis-sewqan tiegħu. Din l-azzjoni tal-akkużat wasslet sabiex huwa involontarjament ikkaġuna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mario Sciberrras li soffra ksur fil-hip tax-xellug[10] u kellu jiġi operat għal darba darbtejn. Il-feriti sofferti ma wasslux sabiex ġew kaġunati fuq il-persuna ta’ Mario Sciberras l-konsegwenzi taħt l-artikolu 218 tal-Kap. 9 iżda biss dawk kontemplati fl-artikolu 216. La darba kien hemm ksur bil-fors li l-ġrieħi ta’ Mario Sciberras ħadu aktar minn tletin (30) ġurnata sabiex fiequ.

Fl-inċident *de quo* kif ġia senjalat kien hemm involuta wkoll il-parte civile Dolores Sciberras. Minkejja li kemm l-uffiċjal tal-Pulizija (PS 1462 Joseph Attard) li investiga l-inċident u l-istess parte civile Dolores Sciberras jagħmlu riferenza li hija soffriet feriti ta’ natura ħafifa hekk kif iċċertifika Dr Paul Zammit, dan iċ-ċertifikat ta’ Dr Paul Zammit (li għalih hemm riferenza fl-akkuża) **baqa’ qatt ma ġie preżentat mill-Prosekuzzjoni**. Kien l-obbligu tal-Prosekuzzjoni mhux biss li tippreżenta l-istess ċertifikat iżda wkoll li tara li dan iċ-ċertifikat jiġi konfermat bil-ġurament mit-tabib li irrilaxxah. Din il-prova l-Prosekuzzjoni ma għamlithiex u l-Qorti ma tistax tistrieħ fuq id-dikjarazzjonijiet tal-uffiċjal investigatur u tal-parte civile Dolores Sciberras dwar l-entita tal-feriti li ġew sofferti mill-istess Dolores Sciberras. Għalhekk il-Qorti sejra tkun kosretta li tillibera lill-akkużat mit-tielet (3) akkuża.

[10] Fol. 45 tal-proċess.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) **mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati** tat-tielet (3) akkuża u qed tilliberah minnha;

(b) wara li rat l-artikoli 17, 216(1), 225 u 226(1)(b) tal-Kap. 9 kif wkoll l-artikolu 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib lill-akkużat:

- **ħati tal-ewwel (1) akkuża in kwantu biss kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni BBX 727 b'mod traskurat** iżda mhux qed issibu ħati li huwa saq l-istess vettura b'mod perikoluż u bla kont;

- **ħati tat-tieni (2) akkuża**;

u qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' **tlett mitt ewro (€ 300)**.

Finalment wara li rat l-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tmint (8) ijiem mil-lum.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur